MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI) MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**CAMILLERI JOSEPH D.**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 220/2002/1

**Sandra Calleja**

**vs**

**Mark Calleja**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

1. B'rikors datat 16 ta' Ottubru 2001, ir-rikorrent appellant espona li gej:-

i) Illi l-mandat ta' zgumbrament ezekuttiv fl-ismijiet premessi "Sandra Calleja – vs – Mark Calleja" inhareg fuq talba ta' l-appellata in esekuzzjoni tad-digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Lulju 2002 (Numru

1626/2002), li bih l-appellant gie ordnat jallontana ruhu mid-dar konjugali fit-terminu ta’ xahar stabbilit appozitament fl-istess digriet.

ii) Illi l-appellant ipprezenta rikors fejn talab ir-revoka ossija t-thassir tal-mandat hekk mahrug ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 283A tal-Kapitolu 12.

iii) Illi l-ewwel Qorti, wara illi appuntat ir-rikors hekk ippresentat mill-appellant ghas-smiegh, iddecidiet dwar it-talba tal-appellant billi b’digriet moghti fl-10 ta’ Ottubru 2002, cahdet it-talba tieghu ghar-revoka tal-mandat, bl-ispejjez tal-proceduri relattivi kontra l-istess appellant.

iv) Illi l-appellant huwa aggravat mid-digriet hekk moghti u minnu qieghed jinterponi umili appell.

v) Illi l-aggravju ta’ l-appellant u ghalhekk il-motiv ta’ dan l-appell jista’ jigi brevement enkapsulat fis-sottomissjoni centrali tieghu, cioe` illi digriet moghti mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili a tenur tad-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 470 tal-Kapitolu 12, jikkostitwixxi verament titolu ezekuttiv, izda ma huwiex sentenza u ghalhekk ghandu jigi ezegwit bil-mod illi jigu ezegwiti titoli ezekuttivi generalment u mhux bil-mod mahsub fil-ligi ghall-ezekuzzjoni ta’ sentenzi.

vi) Illi kif gja` ghamel fir-rikors tieghu fuq imsemmi ta’ l-24 ta’ Settembru 2002, l-appellant sejjer jelabora dwar din is-sottomissjoni bil-mod segwenti:-
a) L-effetti ezekuttivi tad-digriet moghtija mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili huwa regolat mill-Artikolu 480(3) tal-Kapitolu 12, illi jipprovdi b’mod car li “....digrieti hekk moghtija mis-Sekond’ Awla ta’ dina l-Onorabbli Qorti ghandhom ikunu titoli ezekuttivi meqjusa fost d-digriet imsemmijia fl-Artikolu 253.....”.
b) Illi l-appellant jissottometti illi huwa car illi l-legislatur, b’effett tad-dispozizzjoni citata ried irendi titoli ezekuttivi d-digrieti moghtija mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili skond l-Artikolu 470 izda ghad (recte qaghad) attent, bl-ghazla tal-kliem tieghu, illi ma jaghtix l-identita` u l-effetti ta’ sentenza lil tali digriet.

vii) Illi jhoss illi ma ghandux ghalfejn jissottometti illi l-legislatur ma kienx vittma ta’ xi *lapsus* fl-ghazla tal-kliem utilizzat fl-Artikolu citat. Biss billi possibbilment jista’ jigi argumentat illi l-kliem “titolu ezekuttiv” u “sentenza”, huma f’dan il-kuntest b’xi mod interkambjabbli, jigi rilevat is-segwenti;
a) Illi hemm diversi tipi ta’ titoli ezekuttivi (elenkati fl-Artikolu 253). Dawn huma, skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 255 u 256 tal-Kapitolu 12) ezegwibbli diversament minn xulxin. Fil-kuntest ta’ ezegwibilita` allura, l-livell ta’ imprecizjoni illi ghandu jigi implicitament attribwit lill-legislatur b’din l-argumentazzjoni huwa inkoncepibbli.
b) Illi l-Artikolu 480(4) tal-Kapitolu 12 jirregola b’mod pekuljari (**<u>sic</u>!**) hafna l-ezegwibbilita` ta’ digrieti moghtija skond l-Artikolu 470 billi jipprovdi illi l-istess ma jibqghux ezegwibbli wara d-dekorrenza tal-perjodu stabbilit f’dak l-Artikolu jew mill-istess Qorti. Is-sentenzi jitilfu l-ezegwibilita` tad-digrieti hekk moghtija tissottolinea u possibbilment tiggustifika l-ghazla tal-kliem tal-Legislatur.

viii) Illi accettat, kif fil-fehma ta’ l-appellant ghandu jkun il-kaz, illi digriet moghti mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili skond l-imsemmi Artikolu 470 huwa digriet u mhux sentenza, l-appellant jirrileva li t-termini u l-modalitajiet ohra ta’ ezekuzzjoni ta’ titoli ezekuttivi, komprizi allura sentenzi u digrieti, huwa dixxipplinat mill-Artikolu 255 u 256 tal-Kap. 12. It-termini ghall-ezekuzzjoni ta’ **sentenzi** huwa regolat mill-Artikoli 255 u 256(1). Mentri titoli ezekuttivi ohra (**illi allura jinkludu d-digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fuq imsemmi**) huma regolati mill-Artikolu 256(2).

ix) Illi l-imsemmi 256(2) jipprovdi testwalment illi “L-esekuzzjoni ta’ kull titolu iehor ma tistax issir hlief wara jumejn ghall-anqas minn-notifika ta’ sejha ghall-hlas maghmula b’att gudizzjarju”.

x) Illi l-appellant jinsab fi grad jipprova li ma saret ebda interpellanza gudizzjarja a tenur ta’ l-Artiklu 256(2). Kif jirrizulta mill-ligi u kif gie ritenut minn dina l-Qorti fil-kawza “Norman Lowell – vs – Joseph Micallef” deciza fl-20 ta’

April 1998 (numru 1496/94AJM) in-notifika ta' tali att gudizzjarju hija meqjusa fil-ligi u fil-gurisprudenza bhala pre-kondizzjoni necessarja ghall-esekuzzjoni tat-titolu vantat mill-kreditur u l-assenza ta' l-istess, igib in-nullita` tla-mandat u ghalhekk jghati lok ghar-revoka immedjata tieghu.

xi) Illi fid-digriet taghha l-ewwel Qorti ma laqghetx dan ir-ragunament ghas-segwenti motivi:-
a) Illi l-ewwel Qorti kkonkludiet illi fid-digriet taghha s-Sekond' Awla ta' dik il-Qorti Civili kienet iffissat terminu ta' xahar sabiex l-ordni taghha tigi ezegwita. Il-Qorti kkonkludiet minn daqshekk illi huwa logiku li *una volta* jghaddi dak it-terminu, d-digriet hekk moghti jkun ezegwibbli. L-appellant jikkondividi ghal kollox ir-ragunament tal-Qorti, biss jissottometti reverentement illi l-vertenza odjerna tirrigwarda mhux jekk id-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili huwiex ezegwibbli ma' l-gheluq tat-terminu sospensiv tieghu, izda l-mod illi bih, skond id-dispozizzjoni citati, tali digriet ghandu jigi ezegwit.
b) Illi l-ewwel Qorti kkonkludiet li kull interpretazzjoni ohra (cioe` dik avvanzata mill-appellant) tkun tistultifika ordnijiet moghtija mill-Qrati. L-appellant umilment jikkonfessa illi ma jarax kif l-interpretazzjoni tieghu tal-ligi tista' tistultifika l-ordnijiet tal-Qorti. L-appellant qieghed biss jittenta jinterpreta kif tali ordnijiet – skond il-Ligi – ma jigux stultifikati izda regolarment ezegwiti. Huwa pero` jikkontendi illi d-digrieti ghandhom jigu ezegwiti **biss** mill-mod ikkontemplat mill-ligi u biss fl-osservanza metikoluza tal-ligi hija zgurata l-ezekuzzjoni ta' l-ordnijiet tal-Qrati.

xii) Illi finalment l-ewwel Qorti sabet illi l-Artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 fuq citata huwa inapplikabbli ghal ordni ta' zgumbrament billi, skond l-istess Qorti, tali Artikolu jikkontempla indirettament l-ezekuzzjoni ta' obligu ta' hlas inkwantu l-legislatur jirreferi ghal "sejha ghall-hlas". L-appellant jikkonferma illi verament f'dan il-kuntest, il-kliem "sejha ghall-hlas" jidhru infelici. Huwa jirrileva pero` illi l-imsemmi Artikolu 253 tal-Kapitolu 12, jirregola wkoll l-ezekuzzjoni ta' decizjonijiet ta' arbitri (Artikolu 253(d) tal-Kapitolu 12), illi jistghu jimponu fuq d-debitur obbligu *di*

*fare* u mhux biss *di pagare*. Jekk allura r-ragunament ta' l-ewwel Qorti jitqies bhala korrett, decizjoni arbitrali ma tkunx ezegwibbli sakemm ma tkunx timponi fuq id-debitur l-obbligu ta' hlas. Di piu` l-Artikolu 1146 tal-Kodici Civili ghandu jirrisolvi kwalsijasi dubbju dwar t-tifsir legali tal-kelma "hlas", presumibilment anki f'dan il-kuntest. L-Artikolu 1146 jghid: "Hlas ifisser l-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni sew jekk l-oggett ta' l-obbligazzjoni jkun li jinghata xi haga sew jekk ikun li tigi maghmula xi haga".

Ghaldaqstant l-appellant, talab illi dina l-Qorti jghogobha tannulla, tikkancella u tirrevoka d-digriet moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Ottubru 2002 fl-ismijiet premessi u minflok u a tenur ta' l-Artikolu 283A tal-Kap. 12, thassar ghal kollox il-mandat ta' zgumbrament numru 1791/02 fl-ismijiet "**Sandra Calleja vs Mark Calleja**", bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellata.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-IMSEMMIJA SANDRA CALLEJA</u>**

2. L-appellata wiegbet hekk;

i) Illi d-digriet appellat jimmerita konferma ghar-ragunijiet segwenti.

ii) Illi fl-ewwel lok l-appellant ma ressaq l-ebda konsiderazzjoni gdida u elabora biss fuq is-sottomissjonijiet pprezentati fir-rikors originali u s-sottomissjonijiet moghtija verbalment fis-smiegh ta' l-istess rikors.

iii) Illi dan l-appell qed isir biss biex itawwal iz-zminijiet li fihom l-appellant jibqa' jghix fid-dar matrimonjali a skapitu ta' martu u bintu li t-tnejn qed isofru minn dan id-dewmien u ghaldaqstant dan l-appell huwa wiehed vessatorju.

iv) Illi s-sottomissjonijiet huma kontradittorji fl-istanzi fejn minn banda l-appellant qed jissottometti illi l-legislatur "ghad attent, bl-ghazla tal-kliem tieghu" (para 6 II) imbaghad iktar l-isfel, fejn jaqbel lilu, l-appellant issottometta li "l-kliem "sejha ghall-hlas" jidhru infelici" (para 7 III).

v) Illi kif qalet sew l-ewwel Qorti ikkunsidrat li l-kaz odjern ma jikkontemplax "sejha ghall-hlas" u ghaldaqstant ma ghandux jigi applikat l-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 u ghalhekk ma jehtiegx li ssir notifika permezz ta' att gudizzjarju qabel ma jista' jigi ezegwit l-istess titolu ezekuttiv.

vi) Illi minbarra minn hekk l-appellata qeghdha tissottometti bir-rispett illi l-Artikolu applikabbli huma l-Artikolu 480(3)(a) li jipprovdi ghall-esekuzzjoni ta' digrieti moghtija mis-Sekon' Awla. Di fatti l-Artikolu 480(3)(a) jghid: "*Id-digriet imsemmi fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jkun titolu esekuttiv meqjus bhala inkluz fost id-digrieti msemmija fl-artikolu 253 u* ***jkun esegwibbli wara erbgha u ghoxrin siegha mill-ghoti tieghu*** *bil-mezz ta' xi att esekuttiv imsemmi fl-artikolu 273 bl-istess mod u taht l-istess kondizzjonijiet kif jigi esegwiti att bhal dan*". Dan l-artikolu ma jsemmi l-ebda interpellazzjoni permezz ta' att gudizjarju.

vii) Illi ghalhekk l-legislatur ha l-hsieb li jirregola b'mod specifiku dan it-titolu ezekuttiv u t-termini li fih ghandu jigi esegwit.

viii) Illi l-istess artikolu 480(4) jghid li dan it-tip ta' digriet ma jibqax esegwibbli jekk l-azzjoni ghas-separazzjoni ma tinbediex fi zmien xahrejn. Fil-fatt l-appellata ipprezentat citazzjoni quddiem l-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Awissu 2002.

Ghaldaqstant l-appellata titlob lil din l-Qorti tichad l-appell u tikkonferma d-digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

3. L-*iter* procedurali li ta lok ghal dana l-appell – wiehed ta' indole legali – fis-semplicita` tieghu huwa kif ser jinghad. L-appellant Mark Calleja gie ordnat mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili biex jallontana ruhu mid-dar matrimonjali u dan fi zmien xahar mid-data tad-digriet hekk moghti minnha. Id-digriet inghata fit-23 ta' Lulju 2002, izda sal-lum l-appellant ghadu ma ottemperax ruhu

mieghu billi ghadu ma harigx mid-dar matrimonjali. Fil-mori, pero`, l-appellant intavola rikors fil-kontenzjuz, igifieri quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, b'talba ghar-revoka ta' l-ordni ta' zgumbrament, liema talba giet michuda bil-provvediment moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Ottubru 2002. Aggravat b'dan kollu, l-appellant qieghed jitlob ir-revoka tal-provvediment moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fejn cahdet it-talba tieghu biex jigi revokat id-digriet moghti mis-Sekond' Awla, kif ukoll ghat-thassir tal-mandat ta' zgumbrament ottenut in segwitu mill-appellata martu in ezekuzzjoni ta' l-istess digriet.

4. L-aggravju ta' l-appellant – wiehed prettament legali, jew ahjar legalistiku – huwa fis-sens li d-digriet originali moghti mis-Sekond' Awla, u kif dan huwa regolat mill-artikolu 480(3) tal-Kap. 12, ghandu jitqies bhala titolu ezekuttiv u dan fl-ambitu tal-artikolu 253 ta' l-istess Kap. L-appellant jissottometti illi filwaqt li l-legislatur ried jaghti lid-digrieti moghtijin mis-Sekond' Awla f'kazi simili s-sahha ta' titolu ezekuttiv, fl-istess waqt "ma jaghtix l-identita' u l-effetti ta' sentenza lil tali digriet". Isegwi allura, dejjem skond l-appellant, li filwaqt li "t-termini ghall-ezekuzzjoni ta' sentenzi huwa regolat mill-artikoli 255 u 256(1), mentri titoli ezekuttivi ohra (illi allura jinkludu d-digriet tas-Sekond' Awla fuq imsemmi) huma regolati mill-artikolu 256(2)". Issa l-artikolu 256(2) jesigi li ssir notifika ta' sejha ghall-hlas permezz ta' att gudizzjarju u din il-procedura trid issir f'terminu specifiku. Minn dan kollu, jissottometti l-appellant, il-kontroparti appellata m'ghamlet xejn imma ghaddiet mill-ewwel biex tezegwixxi d-digriet bl-otteniment ta' mandat ta' zgumbrament kontrieh. Ghalhekk, jghid l-appellant, hemm lok "ghar-revoka immedjata" tad-digriet u tal-mandat ta' zgumbrament u tac-cahda li giet pronunzjata kontra l-istess talba min-naha tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

5. Din il-Qorti, wara li rat l-atti tal-process u semghet it-trattazzjoni ta' l-appell, tosserva li prattikament l-appellant jerga jadduci quddiemha l-istess argumenti li kien ressaq ghall-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, jidher car li l-legislatur pogga d-digrieti tas-Sekond’ Awla bhax-xorta ta’ dak in ezami fuq livell specjali. In fatti, gie attribwit lil dan id-digriet, is-sahha u l-valur daqs li kieku kien “sentenza” li tinghata f’kawza fil-kontenzjuz. Dan id-digriet ghalhekk huwa esegwibbli mill-Qorti ta’ gurisdizzjoni kontenzjuza li quddiemha tista’ tingieb jew tkun pendenti kawza ghal separazzjoni personali u dana bl-istess mod kif jigu esegwiti titoli ezekuttivi. Il-kwistjoni kollha f’dan il-kaz hija dwar jekk il-procedura segwita mill-ezekutant kenitx wahda korretta, jew jekk, minflok, kenitx proceduralment skorretta u monka kif jikkontendi l-appellant.

6. Ikkunsidrat li l-kontendenti jaqblu li d-digriet li kien inghata mis-Sekond’ Awla huwa regolat bl-artikolu 480 tal-Kap. 12. Issa s-subartikolu (3) ta’ dan l-artikolu, minbarra li jikkwalifika tali digriet bhala wiehed li “jkun titolu ezekuttiv meqjus bhala inkluz fost id-digrieti msemmijin fl-artikolu 253”, <u>jiddisponi wkoll espressament</u> li dan id-digriet “ikun esegwibbli wara erbgha u ghoxrin siegha mill-ghoti tieghu bil-mezz ta’ att ezekuttiv imsemmi fl-artikolu 273 bl-istess mod u taht l-istess kondizzjonijiet kif jigu esegwiti atti bhal dawn”. Jigi hawn innutat li minkejja li fl-artikolu 480 fuq citat jissemmew espressament l-artikolu 253 u 273 tal-Kap. 12, l-artikolu 256 m’huwiex imsemmi. Ir-raguni ghal din l-omissjoni hija wahda voluta u intenzjonata mil-legislatur u gejja mill-fatt li darba li hemm gja` disposizzjoni <u>ad</u> <u>hoc</u> dwar l-ezekuzzjoni tad-digriet u b’terminu prefiss, <u>ma kien hemm ebda htiega</u> ta’ riferenza lejn artikoli ohrajn li jkunu invece jipprovdu diversament.

7. L-appellant issottometta wkoll li l-ordni ta’ zgumbrament kontenuta fid-digriet moghti mis-Sekond’ Awla kellha titqies bhala ordni ta’ “hlas” (di pagara) u minn hawn jibni argument li l-ezekuzzjoni tad-digriet trid tkun allura preceduta minn “sejha ghall-hlas”, jumejn qabel, per via ta’ l-ispedizzjoni ta’ att gudizzjarju. Huwa jirreferi wkoll ghall-artikolu 1146 tal-Kap. 16 biex jislet it-tifsira li hemm tinghata tal-kelma “hlas”.

Din il-Qorti, wara li kkunsidrat din s-sottomissjoni, ma ssibx li hija wahda legalment attendibbli; anzi din is-

sottomissjoni tirrazenta l-fieragh. Fl-ewwel lok, ordni ghall-fini ta’ zgumbrament tammonta ghall-ezercizzju jew prestazzjoni ta’ fatt u mhux ta’ hlas (li, invece, tammonta ghal obbligazzjoni “di dare”). Id-distinzjoni bejniethom giet ribadita diversi drabi fi proceduri dwar mandati “in factum” li jistghu jinhargu biss in konnessjoni ma obbligazzjonijiet “di fare” u ghalhekk gie ritenut li tali mandat “non si puo` ottenere in esecuzione di una sentenza la quale condanno` il debitore al pagamento di una somma di denaro, ma in esecuzione di una sentenza, la quale condanna il debitore alla prestazione di un fatto (ara “Farrugia Busuttil et – vs – Magri”, Qorti tal-Kummerc, 18 ta’ Novembru, 1901, Koll. Vol. XVIII-III-56). Bl-istess mod, gie ritenut (ara “Mallia – vs – Lanzon”, tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, Koll. Vol. VIII,899, 27 ta’ Gunju 1881) li “l’obbligo di pagare una somma di denaro, o di consegnare una o piu` cose determinate consiste in una obbligazione di dare ed il suo inadempimento non conferisce al creditore il diritto di domandare contro il debitore la condanna al mandato in factum”.

Minn din id-distinzjoni mela ghandu jidher sufficjentement evidenti li l-ordni ta’ zgumbrament m’ghandha l-ebda konnessjoni ma xi obbligazzjoni ta’ hlas (wahda “di dare”) u l-ebda tigbid jew ginnastika legali, ma jista’ jibdel dan kollu. Anki r-riferenza ghall-artikolu 1146 tal-Kap. 16 hija inidoneja ghaliex skond il-principji tal-ermenewtika legali tifsira ta’ kelma li tinghata f’artikolu ta’ ligi partikolari ma tistax tittiehed u tigi kkunsidrata izolatament u indipendentement mill-bqija ta’ dak li jkun hemm fl-artikoli l-ohrajn taht l-istess Titlu. Dan qieghed jinghad ghaliex proprju fl-artikolu sussegwenti tal-Kap. 16, igifieri fl-artikolu 1147, jinghad ukoll li “kull hlas jissoponi dejn, u dak li jithallas bla ma jkollu jinghata, jista’ jintalab lura”. Fil-kaz in ezami, m’hemm ebda dejn. Hemm invece, ordni cara u specifika tal-Qorti, li sal-lum, nonostante d-dekors ta’ diversi xhur minn meta nghatat, ghadha ma gietx esegwita. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, li tirrispekkja dik tal-Qorti ta’ l-ewwel grad, il-passi gudizzjarji li ha l-appellant biex igib fix-xejn l-ordni moghti mis-Sekond’ Awla huma intizi biss biex jistultifikaw, billi jippruvaw iwaqqfu, dak li l-Qorti ordnat li jsir u li sal-lum ghadu ma sarx.

Ghal dawn ir-ragunijiet;
Tiddeciedi billi tichad l-appell tar-rikorrent Mark Calleja, bl-ispejjez gudizzjarji kontra tieghu.

Deputat Registratur
df